MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 24/2013

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1909/12 fl-ismijiet:

Noel **BONNIĊI**, Dominic Bonniċi u Maria Lourdes Bonniċi

vs

**CARUANA CONSTRUCTIVE CO. LIMITED (**C-32269)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Peter Caruana f'isem is-soċjeta' Caruana Constructive Co. Limited (aktar 'il

quddiem imsejħa “l-eżekutata”) fl-14 ta’ Jannar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li (i) din il-Qorti tqiegħed ir-rikors għas-smigħ b’urġenza għall-finijiet tal-artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (ii) tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ),(d), (e) u (f) tal-istess Kodiċi; (iii) f’każ li ma jidhrilhiex li għandha tħassar l-istess Mandat għal xi waħda mir-raġunijiet mitluba, għall-anqas tnaqqsu għal “somma ħafna anqas u realistika sabiex b’hekk il-kumpannija tkun tista’ topera”; (iv) f’każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa’ l-ewwel talba, torbot lill-istess eżekutanti biex iressqu garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-eżekutata ġarrbet bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimati eżekutanti jonqsu li jressqu l-garanzija fiż-żmien lilhom mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat; u (v) tikkundanna lill-intimati eżekutanti jħallsuh penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Jannar, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutat *nomine*;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti Bonniċi (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutanti”) fil-25 ta’ Jannar, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm minnhom imsemmijin qalu li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex it-talbiet tal-eżekutata jmisshom jintlaqgħu u warrbu waħda waħda x-xiljiet li hija għamlet fil-konfront tagħhom ;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, l-eżekutata qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti intimati biex iħallsu penali skond l-artikolu 836(8)(d) u, f’każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat imsemmi, li l-istess

eżekutanti jkunu marbuta li jagħtu garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f'każ li jonqsu li jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom, il-Qorti għandha tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li f'April tal-2010, l-eżekutanti (u oħrajn) qabbdu lill-eżekutata b'kuntratt ta' appalt għall-iżvilupp ta' sit f'Birguma fil-limiti tan-Naxxar. B'kitba li saret fl-14 ta' Settembru, 2010[1], il-partijiet bidlu l-imsemmi ftehim biex jirregolaw aħjar minn min kien ingħata l-appalt u minn min kellu jitwettaq, kif kellu jsir il-ħlas skond il-fażijiet tax-xogħlijiet, u li kellhom jidħlu f'att ta' konvenju biex il-ħlas lill-eżekutata jsir permezz ta' trasferiment lilha ta' ġid immobbli tal-istess eżekutanti li jinsab f'Ħal Qormi. Il-konvenju sar kontestwalment mal-imsemmi arranġament u salv li l-eżekutata tkun wettqet ix-xogħol lilha appaltat. Fid-19 ta' Diċembru, 2012, l-eżekutanti talbu w kisbu l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutata għas-somma ta' tliet mija tmenin elf euro (€ 380,000) b'ħarsien ta' pretensjonijiet dwar "danni sofferti f'bini difettuż li sar mis-soċjeta' sekwestrata". Il-Mandat inħareġ lil erba' banek sekwestratarji, li laqgħu n-notifika jumejn wara l-ħruġ tiegħu. Flimkien mal-Mandat mertu ta' din il-proċedura, l-eżekutanti fetħu kawża kontra Peter Caruana u kontra l-eżekutata minħabba allegazzjonijiet ta' ksur ta' twettiq tal-appalt mogħti minħabba użu ta' konkos li ma kienx tal-kwalita' miftehma[2];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet, liema kawża qiegħda tinstama' minn din il-Qorti kif presjeduta. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

[1] Dok "ĊĊ1", f'paġġ. 4 – 8 tal-atti
[2] Rik. Nru. 1258/12JRM differita għat-8.10.2013 għar-rapport peritali

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutata tibni t-talbiet tagħha fuq erba' (4) kawżali:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, l-eżekutata tgħid li l-eżekutanti intimati jgawdu minn garanzija xierqa għall-pretensjonijiet tagħhom kontriha billi huma għandhom f'idejhom ġid li, skond il-konvenju li sar fl-2010, hija ntrabtet li tikseb mingħandhom wara li twettaq l-appalt mogħti lilha;

Illi l-eżekutanti jwarrbu dan l-argument billi jgħidu li l-imsemmi ġid għadu marbut bl-effetti tal-att tal-konvenju u, teknikament, l-istess eżekutata tista' tressaq il-pretensjoni tagħha għall-eżekuzzjoni tiegħu u ġġiegħel lill-eżekutanti biex jittrasferulha l-imsemmi ġid wara l-ħsara li ġarrbu bix-xogħol ħażin imwettaq fl-appalt;

Illi huwa magħruf mil-liġi u mit-tifsira mogħtija lilha mill-qrati, li biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[4]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid

[3] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[4] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[5]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[6]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[7];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum u bi tħaddim tal-prinċipji fuq imsemmija, jibda biex jingħad li l-ġid li għalih tirreferi l-eżekutata m'huwiex ħwejjiġha. Ma ntweriex li l-konvenju kien segwit bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kisba tal-ġid miftiehem jew xi parti minnu. Dan ifisser li, sallum, dak il-ġid għadu ġid l-eżekutanti u f'idejhom u l-eżekutata ma tistax tippretendi li dawn jinqdew bi ħwejjiġhom stess biex jiggarantixxu l-pretensjonijiet tagħhom kontra l-eżekutata;

Illi l-eżekutata ma semmiet l-ebda ġid ieħor, hu ta' liema għamla hu, li hija tabilħaqq qiegħda toffri lill-eżekutanti biex iservi bħala garanzija alternativa għall-assi li setgħu nqabdu bil-ħruġ tal-Mandat;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Dan huwa l-argument ewlieni li l-eżekutata tistrieħ fuqu biex titlob it-tħassir tal-Mandat jew, tal-anqas, it-tnaqqis tal-pretensjoni tal-eżekutanti. L-eżekutata tisħaq li l-prezz maqbul tal-appalt kien ta' mija u sebgħa u disgħin elf disa' mija u sebgħa u disgħin euro (€ 197,997) u għalhekk il-pretensjoni tagħhom tad-"danni sofferti" li jsemmu fil-

---

[5] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[7] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

Mandat (€ 380,000) hija lil hinn minn kull raġonevolezza u lanqas biss hija mfissra kif waslu għaliha;

Illi, min-naħa l-oħra, l-eżekutanti jgħidu li s-somma msemmija minnhom hija x'aktarx konservattiva żżejjed u għandhom il-biżgħa li, jekk dak li qegħdin jallegaw dwar ix-xogħol imwettaq ikun minnu, se' jkollu jitwaqqa' kull bini li sar u n-nefqa biex jerġa' jinbena kulma kien maħsub fl-appalt tkun tisboq is-somma pretiża minnhom fil-Mandat. Huma jtennu li lanqas hemm lok li titnaqqas il-pretensjoni tagħhom, aħseb u ara kemm imissha tintlaqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimati eżekutanti għandhomx bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslux biex "jillikwidaw" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[8];

Illi l-eżekutata tisħaq li l-Mandat inħareġ "b'malizzja" u tgħid li l-ħsieb tal-eżekutanti meta semmew l-imsemmi ammont kien dak li jsallbuha u jżommuha milli tkompli taħdem aktar, bit-telfien ta' faċilitajiet bankarji li kienet qiegħda tinnegozja, bin-nuqqas ta' likwidita' biex tkun tista' tibqa' tħallas il-pagi tal-impjegati tagħha, u biż-żamma tat-twettiq ta' proġetti oħrajn li hija diġa' bdiet jew li nnegozjat li tibda fix-xhur li ġejjin. L-eżekutata tgħid li l-Qorti għandha tnaqqas is-somma msemmija fil-Mandat "għal somma ħafna anqas u waħda realistika", iżda ma tagħti l-ebda ħjiel liema somma hija tqis bħala hekk realistika;

8 Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[9];

Illi bla ma l-Qorti tidħol biex tikkummenta fuq materja li tolqot il-mertu tal-każ, jidher ċar li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija dwar xogħol imwettaq b'materjal mhux tajjeb (il-konkos tas-soqfa) li minħabba fih intlaqtet l-istabilita' tal-binja li kienet qiegħda tittella'. Fl-atti ta' dan ir-rikors ma tressqet l-ebda prova ta' kemm jistgħu jkunu d-danni mġarrba mill-eżekutanti. Min-naħa tagħha, l-eżekutata ressqet provi dwar id-danni li qiegħda ġġarrab hi dment li l-Mandat idum fis-seħħ[10];

Illi, min-naħa l-oħra, l-ammont ta' danni pretiż mill-eżekutanti jiġi daqs darbtejn il-valur tax-xogħlijiet appaltati miftehma. Il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul u fliet l-atti, tasal biex taqbel mal-eżekutata li l-ammont pretiż huwa x'aktarx ogħla minn dak li l-atti juru sa dan il-waqt li jmisshom ikunu. Dan qiegħed jingħad bla ħsara għal dak li jista' joħroġ 'il quddiem meta jsir il-ġbir tal-provi u jsiru l-kostatazzjonijiet peritali. Dan ifisser ukoll li, fil-waqt li dan m'huwiex raġuni biex jitħassar il-Mandat, il-Qorti sejra tqis li l-ammont tal-Mandat jitniżżel għal somma li ma ġġarrabx jew iġġib fix-xejn il-pretensjonijiet tal-eżekutanti u lanqas iżżommhom milli jressqu atti kawtelatorji oħrajn jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jsostnuhom;

Illi l-Qorti tqis li filwaqt li m'għandux jitħassar il-Mandat taħt din il-kawżali, t-tielet talba tal-eżekutata tintlaqa' u tnaqqas is-somma pretiża fil-Mandat għal mitejn u għoxrin elf euro (€ 220,000);

---

[9] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***
[10] Dok "ĊĊ3", f'paġ. 12 tal-atti

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' limitatament it-talba tal-eżekutata iżda tħalli bla mittiefes il-Mandat fil-bqija;

Ċ) Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti terġa' ttenni l-fehmiet tagħha dwar dak li ssemma fil-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ) ukoll għaliex, kif ingħad, l-eżekutata ma offriet l-ebda garanzija oħra tajba biżżejjed biex il-Mandat jista' jitħassar;

Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

D) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena fuq il-fatt li l-eżekutata tqis li l-eżekutanti ma kellhomx lanqas mad-daqqa t'għajn xi jedd li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat, flimkien mal-kwestjoni tal-eżistenza tal-konvenju;

Illi dan l-argument jintrabat ma' dak li ssemma aktar qabel dwar it-tliet kawżali ta' qabel;

Illi minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx raġun fil-pretensjonijiet dedotti minnhom fil-kawża fil-mertu, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[11]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

[11] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[12]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi l-eżekutata naqset milli turi li r-raġuni ewlenija li ġġib 'il quddiem taħt din il-kawżali kienet raġuni li tnisslet wara li nħareġ il-Mandat. Għall-kuntrarju, hija naqset li tressaq argument wieħed fuq din il-kawżali u rabtitha ma' dawk ta' qabilha. Ukoll jekk wieħed iqis il-kawżali tal-ammont eċċessiv, din il-Qorti tgħid li filwaqt li hija tqis li l-ammont pretiż mill-eżekutanti kien wieħed ogħla minn dak raġonevoli u ħadet provvediment fir-rigward, xorta waħda ma jġibx il-ħolqien ta' raġuni għat-tħassir tal-Mandat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutata seħħilha tagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi r-rikorrenti eżekutata talbet ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbet l-ewwelnett it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti tista' turi li sejra ġġarrab minħabba l-Mandat[13]; u talbet ukoll il-kundanna tal-istess intimati eżekutanti għall-ħlas ta' penali[14]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti eżekutata ma jsemmi l-ebda raġuni speċifika għaliex qiegħda titlob dan ir-rimedju. Hija torbotha biss mal-fatt li jekk kemm-il darba t-talbiet għat-tħassir tal-Mandat ma jintlaqgħux, allura l-eżekutanti jmisshom jagħmlu tajjeb għad-danni li hija sejra ġġarrab kemm idum fis-seħħ il-Mandat;

---

[12] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[13] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[14] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

Illi, min-naħa tagħhom, l-eżekutanti jgħidu li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutata, huma ser iġarrbu l-umiljazzjoni li, minbarra li jridu jistennew l-eżitu ta' kawża biex jingħataw raġun dwar ix-xogħol ħażin imwettaq mill-eżekutata, ikunu jridu jżidu l-piż ta' din il-qagħda tagħhom u jissussidjaw "u jpattu għal ħażin li għamlu" l-eżekutati;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[15]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[16], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[17] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma ntwera li hemm l-ebda raġuni ġusta li twassalha biex torbot lill-eżekutanti biex iressqu l-garanzija mitluba mir-rikorrenti eżekutata;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet

[15] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[16] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[17] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[18]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[19]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. F'dan il-każ, ir-rikorrenti tistrieħ fuq iċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 836(8)(d) meta tgħid li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv;

Illi l-Qorti ma ssibx li jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimati eżekutanti kellhom u għad għandhom (ladarba l-kawża għadha miexja) raġunijiet tajbin biżżejjed biex talbu l-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[20]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[21];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata Caruana Constructive Company Limited billi:

---

[18] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[19] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[20] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[21] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** fid-dawl tal-fatt li l-Qorti nqdiet mid-diskrezzjoni mogħtija lilha mil-liġi li tqis il-kwestjoni mingħajr ma tagħti smigħ;

**Tiċħad it-tieni talba** billi ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha tħassar il-Mandat;

**Tilqa' t-tielet talba** tar-rikorrenti eżekutata b'dan li tnaqqas is-somma pretiża fil-Mandat għal mitejn u għoxrin elf euro (€ 220,000), u mill-bqija tħalli l-Mandat bla mittiefes għall-bqija;

**Tiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tordna** li l-kumpannija rikorrenti eżekutata **tħallas l-ispejjeż** ta' din il-proċedura, ħlief dawk marbuta mat-tielet talba tagħha, li jħallsuhom l-intimati eżekutanti.

Mogħti kameralment illum, 14 ta' Awissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------